l-għid ta' l-assunta



16 (1981)

www.gozocathedral.org.mt

KINNIE
The only real bitter sweet drink.
NON ALCOHOLIC • BITTER-SWEET
Now available in the new convenient attractive larger bottle — more Kinnie for you and the family.
KINNIE always first for thirst

l-ghid ta' l-assunta

Ħarġa ta' darba fis-sena

16 (1981)

Editur: Mons. Carmelo Scicluna
Arċipriet tal-Katidral

Messaġġ ta' l-Arċipriet Għall-Jiem tal-Festa

Din is-sena qegħdin infakkru egħluq il-25 sena minn meta s-Soċjetà Filarmonika 'Leone' irregalat lill-Katidral ta' Għawdex l-istatwa sabiħa ta' l-Assunta. Din is-sena ġubilari, għalhekk, għandha timpenjana aktar mis-soltu biex fil-jiem tal-festa aħna:

* **nintebħu** *li dak li jiswa fid-dinja mhux li jkollok aktar, imma li tkun aktar;*
* **naħdmu** *mhux biex inkunu partiġġjani akkaniti ta' partit, imma ċittadini awtentiċi tal-Poplu t'Alla;*
* **nħabirku** *mhux biex inkabbru l-pjaga tal-firdiet, imma biex nibnu komunità ekkleżjali ta' vera mħabba;*
* **niftakru** *li mhux lussu li ġġib ruħek ta' veru nisrani imma dover għal min irid tassew igħix l-adozzjoni divina;*
* **noqogħdu** *attenti biex ma naqgħux fl-etika tas-sitwazzjoni bit-tentazzjoni li nqisu leċitu dak li hu oġġettivament ħażin;*
* **nagħmlu** *enfasi mhux fuq dak li hu estern u superfiċjali, imma fuq dak li jwassalna biex nikbru fil-maturità nisranija;*
* **nfittxu** *li ma nħallux l-istint li jmexxina, imma l-loġika, ir-raġuni u r-rispett reċiproku;*
* **nikkonvinċu** *lilna nfusna li għandna nkunu mhux kattoliċi ta' l-istaġun u ta' ċerti ċirkostanzi, imma segwaċi leali ta' Kristu f'kull waqt ta' ħajjitna;*
* **naċċettaw** *lil Kristu mhux bħala realtà li tagħtina fastidju, imma bħala mezz indispensabbli għall-evoluzzjoni spiritwali ta' ruħna;*
* **norjentaw** *lilna nfusna biex ikollna udjenza privata ma' Kristu permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u tat-Tqarbin.*

Jalla dan il-Gublew tal-Fidda li aħna qegħdin niċċelebraw iwassalna bil-għajnuna tal-Madonna biex infasslu l-bqija ta' ħajjitna fuq dawn il-prinċipji għax tassew inkunu qegħdin ninkarnaw fina sa fl-iċken dettal il-Vanġelu ta' Kristu. Jalla dawn il-festi ġubilari jwassluna biex ngħixu kontinwament qrib Omm Kristu u Ommna, il-Verġni Mbierka Marija.

www.gozocathedral.org.mt

SANTA MARIJA

1897 — 1981

Kitba ta'

FR. JOE BEZZINA

Viva Santa Marija! Kien għad mank kelli erba' snin, iżda għadni niftakar qisu l-bieraħ, meta mġennen mis-sbuħija ta' din l-istatwa, nissilt għall-ewwel darba dawn il-kelmiet għal darba tnejn. Viva Santa Marija! Kien Mejju ta' l-1954. L-għażiż missieri, devot kbir tal-Madonna, ħadni nitlob quddiem Santa Marija dak iż-żmien miżmuma b'għożża fid-dar ta' Karmnu, nannuh.

Għadni niftakar kif issaħħart meta ġerrewli l-purtiera biex naraha! Marija mtajra mill-anġli lejn Binha fis-sema, b'dirgħajha miftuħa, ħassejtha tkellimni bil-kisra ta' ghajnejha u t-tbissima tant ħelwa ta' xofftejha.

Għadni niftakar bix-xewqa li ġietni ħa nkun nista' ngħannaqha. U l-papà refagħni fuq spallu ħa nkun nista' nara aħjar lil Santa Marija.

Santa Marija — żewġ kelmiet li lissen kull min għandu jbaqbaq fih id-demm Għawdxi u Malti b'turija ta' qima lejn Omm Kristu Alla li dejjem qisna bħala Patruna u Omm vera tagħna.

www.gozocathedral.org.mt

IL-PREISTORJA

Il-bidu tad-devozzjoni ta' l-Għawdxin lejn Santa Marija hi mitlufa fid-dlam ta' l-istorja. Iżda l-eqdem Knisja li nafu biha f'Għawdex, proprju dan il-Katidral, nafu li kienet tissejjaħ il-Matriċi ta' Santa Marija. Minn dak inhar, mill-1435, inbnew, waqgħu u reġgħu telgħu bosta knejjes lil Marija Mtella' s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, lil Santa Marija. Fihom l-Għawdxin qiemu l-Marija min jaf b'kemm il-mod. Dan il-Katidral, b'kulma fih, hu waħdu xhieda kbira ta' din id-devozzjoni. Iżda bla dubju, u naf li lkoll taqblu miegħi, xhieda kbira ta' din id-devozzjoni hi l-istatwa ta' Santa Marija

Bħall-affarijiet kollha ta' siwi, anke din l-istatwa għandha l-preistorja tagħha. Fil-bidu tas-sena 1863, aktarx għall-aħħar ta' Frar, twaqqfet hawn fir-Rabat **il-Banda tal-Binu.** Mill-1881, sewwa sew minn mitt sena 'l hawn, bdiet tissejjaħ il-**Banda Leone.**

Sa mill-bidu, il-Fundatur u l-ewwel Direttur tal-Banda Leone, Mro. Ġorġ Tabone (ta' Binu), ħa sehem bil-banda tiegħu fil-Festi ta' Santa Marija. Fl-1895, biex l-affarijiet ikunu iktar fis-sod, id-Direzzjoni tal-Banda, talbet lill-Isqof ta' Għawdex, l-E.T. Mons. Giovanni Marija Camilleri, biex il-Banda tingħata dritt esklusiv torganizza l-festi esterni ta' l-ikbar festa ta' l-Għawdxin. It-taħdidiet twalu sa l-1897, iżda fil-bidu ta' dik is-sena il-Banda Leone ngħatat dak li xtaqet.

Il-Kumitat iddeċieda li jkabbar il-festi billi jordna statwa sabiħa ta' Santa Marija. F'affari ta' ftit ġranet, il-Membru tas-Soċjetà, is-Sur Pawlu Pisani, megħjun mill-membri l-oħra, ġabru l-flus meħtieġa. Il-membri tal-Kapitlu tal-Katidral taw bejniethom is-somma sabiħa ta' £4.28c. L-Ammiratur kbir tas-Soċjetà, l-Imħallef Ġuże Cremona, ntbagħat Ruma biex jixtri l-aħjar li jsib. Wara li żar diversi statwarji magħrufa, għamel l-għażla tiegħu fil-**Fabbrica di Statue Religiose,** immexxija minn Francesco Rosa fin-naħiet tal-Vatikan. Deherlu li kienet l-isbaħ statwa ta' Marija tiela' s-sema li qatt ra. L-Għawdxin kollha rawh raġun.

Il-Madonna maqtugħa bejn l-art u s-sema qed isserraħ fuq sħaba mdawra minn żewġ anġli. Libsitha bajda silġ u minn rasha tgħattilha parti minn riġlejha; velu abjad jinżel ħelu ħelu minn fuq xagħarha u jinfirex minn wara għal quddiem. Iperper fuq kollox mant ċelesti. Il-ħarsa ta' għajnejha, bħall-pali ta' idejha merfugħa, iħarsu lejn is-sema. Did-dehra tagħha, flimkien mal-ġmiel ta' wiċċha u l-qagħda sabiħa ta' persuntha, inisslu f'min jieqaf iħares lejha ħsibijiet smewwija.

TASAL L-ISTATWA

L-istatwa waslet Għawdex fl-aħħar ġranet ta' Lulju, 1897. Fetaħha mill-kaxxa Spiru Vella (tad-Dublun) u, kif qal mitt darba, għoxa bil-ferħ meta lemaħha għall-ewwel darba. Il-Ġimgħa, 13 ta' Awissu, l-istatwa tpoġġiet għall-wiri fil-Knisja ta' San Ġakbu li kien hemm wieqfa t-Tokk. Għas-sitta ta' fil-għaxija, l-Isqof Camilleri tela' mill-Palazz biex iberikha. Dritt wara, saritilha dimostrazzjoni mat-toroq tar-Rabat bl-akkompanjament ta' marċi mill-Banda Leone. Għall-ħabta tat-tmienja tqegħdet fuq pedestall li sarilha apposta fit-Tokk. Fit-tmiem, il-Banda Leone żanżnet l-Innu **A Maria Assunta,** kompożizzjoni tas-Surmast tal-Banda Vincenzo Carabott.

Fl-istess żmien, billi l-każin tal-Banda Loene ma tantx kien kbir, intlaħaq ftehim ma' Karmnu Camenzuli (il-Bażulli), il-bużnannu ta' min qed jikteb, biex iżomm l-istatwa f'daru. Karmnu mhux biss kien wieħed mill-mexxejja tal-Partit tal-Ljun, iżda wkoll devot kbir tal-Madonna, kif turi niċċa kbira li kellu ma' daru f'Nru. 84, Triq Vajrinġa. Meta fl-1906 mar joqgħod f'Nru. 97 fl-istess Triq, lil Santa Marija bnielha niċċa mill-isbaħ fis-salott. Hemm kont rajtha jien ta' tliet snin u nofs.

Mill-1898, kull 13 ta' Awissu filgħodu, l-istatwa kienet tittieħed fil-Knisja ta' San Ġakbu tat-Tokk, minn fejn fil-għaxija kienet tibda dimostrazzjoni fit-triqat medjevali tal-Belt ta' Għawdex. Wara d-dawra kienet tittella' fuq il-pedestall u ddum hemm sas-16 ta' Awissu fil-għaxija, meta jerġgħu jeħduha għand ta' Camenzuli. Bejn l-1897 u l-1956, did-dawra ta' nofs Awissu ma saritx ħames darbiet biss. Bejn l-1940 u l-1943 minħabba l-gwerra u fl-1955 il-għaliex il-festi esterni ma sarux.

Fl-ewwel snin, l-istatwa kienet titgħolla f'postha minn fuq palkett. Fl-1911, bit-taħbit u l-għbir ta' Ġorġ Gatt (is-Sampinar), Mikelanġ

Wieħed mill-eqdem ritratti ta' Santa Marija meħud għand ta' Camenzuli madwar l-1900

Bajada (ta' Lalaja), u Ġużepp Gauci (ta' Gauci), sar pedestall il-ġmiel tiegħu fuq disinn ta' Mons. Ġużeppi Farrugia (tal-Vers). Biex Santa Marija titgħolla aħjar f'postha, intgħamlet tarjola li permezz tagħha t-tlugħ fuq il-pedestall sar eħfef u iktar solenni, donnu jrid jixbah it-tlugħ ta' Marija fis-sema.

L-INNU L-KBIR

Fl-1913, il-Banda Leone fakkret egħluq il-50 sena mit-twaqqif tagħha u għalhekk il-festi ta' Santa Marija saru b'solennità iktar mis-soltu. Għal madwar il-pedestall tal-Madonna, iżżanżnu tmien statwi ta' l-istatwarju Wistin Camilleri: erba' anġli biex jitpoġġew eżatt madwar Santa Marija u erba' personaġġi bibliċi — Mosè, David, Isaija u Ġeremija — għan-naħa t'isfel tal-pedestall.

Is-surmast tal-Banda Leone, Mro. Orlando Crescimanno, ikkompona l-Innu mmortali **A Maria Assunta**, kitba tal-Prof. Ramiro Barbarò di San Giorgio. Indaqq għall-ewwel darba nhar it-13 ta' Awissu, 1913, fil-għaxija. Dan l-innu trijonfali kien l-ewwel wieħed ta' dik ix-xorta li nkiteb għal festa f'Malta u Għawdex.

Mal-milja tas-snin, il-festa ta' l-Assunta baqgħet dejjem tikber. U bil-mod il-mod kibret spontanjament ħaġa oħra — devozzjoni lejn l-istatwa ta' Santa Marija. Minkejja l-fatt li ħafna ma kienux jarawha għajr erbat ijiem matul is-sena, fil-ħtiġijiet tagħhom kemm tar-ruħ kif ukoll tal-ġisem, bdew minn djarhom jirrikorru b'devozzjoni lejha.

Karmnu beda jaqla' ħafna xemgħa biex jixgħelha quddiemha u sikwit id-devoti kienu jmorru jħabbtu daru biex iqimuha. L-emigranti, lura f'Għawdex mill-Amerika, mill-Awstralja, mill-Ingilterra jew minn Barberija, ħaduha drawwa qaddisa li jmorru jiżżuħajr lill-Assunta talli reġgħet wasslithom f'arthom qawwijin u sħaħ.

L-emigranti, ħafna drabi, ma kienux jiġu b'idhom f'idhom, imma kienu joffru l-Madonna xi oġġetti ta' fidda, deheb jew ħaġar prezzjuż. Biex kulħadd ikun jaf bil-grazzji li qed taqla' Marija, għodu għodu nhar it-13 ta' Awissu, Karmnu kien iwaħħal ma' l-istatwa fost l-aħjar oġġetti li tkun qalgħet matul is-sena: xi barbazzal ta' deheb mill-ifjen, xi ċintill mimli brillanti jew djamanti, xi par imsielet tqal b'ħaġar prezzjuż xi labra tad-deheb antika u ċrieket bil-fossa, taż-żwieġ jew xi rużetta. In-nies kompliet tqanqlet bid-devozzjoni. U nħolqot wegħda ġdida: xi nisa bdew idendlu huma stess oġġetti ta' wegħda. Ir-reffejja, mas-sinjal ta' min ikun imexxi, kienu ta' sikwit iġenbu l-Assunta lejn naħa jew oħra, biex dawk bil-wegħda jdendlu xi ħaġa prezzjuża u jtemmu l-vot tagħhom. Jiftakru x-xjuħ tagħna, ġie li waslet it-Tokk b'ċurkett fuq kull sebgħa taż-żewġ idejha.

Madwar tletin sena wara l-miġja ta' l-istatwa, qrib l-1927, meta f'Għawdex kien beda jintuża d-dawl elettriku, intgħamlet raġġiera

www.gozocathedral.org.mt

enormi mill-isqalli Censinu Giumarra. Kienet titwaħħal wara Santa Marija fuq il-pedestall. Ir-raġġi tagħha dawra mejt kienu jispiċċaw f'bozoz jixegħlu.

IL-KONVOJ TA' SANTA MARIJA

Fl-1942, kif ġà għidna, il-festi ma sarux. It-Tieni Gwerra Dinjija kienet fl-eqqel tagħha. Il-Maltin u l-Għawdxin kienu qed imutu bil-ġuħ. Iżda fit-13 ta' Awissu, l-aħħar jum tat-Tridu ta' l-Assunta, erba' bastimenti rnexxielhom jidħlu Malta, minkejja battalja feroċi kontrihom. L-għada, lejlet Santa Marija, fis-sebgħa ta' filgħodu, it-tanker **Ohio**, li minnu kien jiddependi jekk Malta ċċedix jew le, beda dieħil fil-port il-Kbir. L-aħbar waslet Għawdex fi ftit mumenti. Il-Kumitat tal-Banda Leone għamel seduta urġenti. Grupp ta' nies, immexxija minn Amleto Mompalao, marru ġabu f'malajr l-istatwa ta' Santa Marija u sa l-għaxra ta' fil-għodu armawha fuq pedestall fil-bitħa tal-każin. Kif ġriet il-biċċa, folla mmensa ta' Għawdxin, Maltin u suldati Ngliżi honqu t-toroq kollha ta' madwar il-każin. U sa nofs il-lejl, il-poplu ma hediex jirringrazzja lill-Assunta talli kienet waqfet magħhom. Għal quddiemha, is-Sur Mompalao ħadem f'malajr żewġ bukketti bil-bozoz ta' l-elettriku. L-għada, Jum l-Assunta, in-nies komplew bi ħġarhom iroddulha ħajr talli wasslitilhom l-għajnuna li huma għammdu bl-isem ħlejju tal-Konvoj ta' Santa Marija.

Nhar is-6 ta' Mejju, 1947, tfakkar egħluq il-ħamsin sena mill-wasla f'Għawdex ta' l-Assunta. Lejlet il-festa, l-istatwa ttieħdet il-każin u tqegħdet fuq il-palk taħt pavaljun ta' bellus aħmar u abjad miżmum fil-ġnub minn żewġ anġli. L-għada saret Akkademja Mużiko-Letterarja li għaliha s-sala kienet żgħira wisq għall-folol li attendew.

Fil-31 ta' Ottubru, 1950, lejlet il-proklamazzjoni tad-Domma tat-Tlugħ fis-sema ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem, l-istatwa ġiet esponuta fid-daħla tal-Banca Giuratale fit-Tokk għall-qima tal-fidili. Kienu bl-eluf l-Ghawdxin li dak in-nhar u l-għada marru jqimuha. Ma' ġenbha, tpoġġiet vetrina għar-rigali li qalgħet l-Assunta f'dik l-okkażjoni

Fid-9 ta' Novembru, ittieħdet b'pellegrinaġġ 'aux flambeaux' għall-Oratorju Don Bosco. L-Assunta tqegħdet fuq il-palk taħt pavaljun mill-isbaħ.

Is-Sibt, 11 ta' Novembru, saret Akkademja quddiem l-Assunta. Il-banda Leone daqqet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Willie Attard. Dak inhar iżżanżnet stumentatura ġdida.

L-1954 kienet dikjarata mill-Papa Piju XII bħala s-Sena Marjana. Fil-31 ta' Ottubru, Santa Marija ħarġet għall-aħħar darba mingħand ta' Camenzuli u twasslet b'marċ brijuż għall-qima tal-poplu fil-Banca Giuratale. L-għada ġiet imgħollija fuq palk armat apposta fit-Tokk. Wara programm mużikali vokali mill-Banda Leone, ittieħdet b'pellegrinaġġ 'aux flambeaux' mat-toroq tar-Rabat. Wara tqegħdet f'post li thejjielha apposta fil-Każin tal-Banda fi Triq l-Arċipriet Cassar.

ERBA' PARROĊĊI

Għal mument, biex infiehem aħjar li ġej wara, immorru ftit sekli lura fl-istorja. Dari r-Rabat kien hawn erba' parroċċi: ta' Santa Marija, li kienet ġà parroċċa Matriċi fl-1435, ta' San Ġakbu, li twaqqfet qabel l-1449, ta' Santa Marija ta' Savina, li twaqqfet qabel l-1479 u ta' San Ġorġ li twaqqfet qabel l-1506. Ta' San Ġakbu u ta' Savina mietu mewta naturali fl-1551, jiġifieri wara t-tmiem ta' l-Assedju ta' Għawdex fit-28 ta' Lulju, meta kważi l-poplu Għawdxi kollu kien meħud fil-jasar. Il-parroċċi ta' Santa Marija u ta' San Ġorġ reġgħu stejqru bil-mod. Fl-1575, ta' Santa Marija kienet reġgħet bdiet tiffunzjona tajjeb ħafna u bil-mod il-mod, minħabba l-qagħda tagħha f'nofs is-Sur, saret l-iktar Knisja mportanti tal-gżira ta' Għawdex.Il-parroċċa ta' San Ġorġ kienet magħquda taħt it-tmexxija ta' l-Arċipriet ta' Santa Marija fit-28 ta' April, 1688; għaqda konfermata minn Ruma fil-5 ta' Marzu, 1689. Fis-16 ta' Settembru, 1864, il-Matriċi saret il-Katidral tad-Djoċesi ta' Għawdex.

Mat-tbexbix tas-seklu għoxrin, diversi saċerdoti u parruċċani ta' San Ġorġ tħabtu biex jerġgħu jinfirdu. Fil-bidu tas-snin ħamsin, it-taħbit wasal fl-aqwa tiegħu. Fil-5 ta' Awissu, 1954, fil-ġurnal ta' kuljum **Il-Berqa**, dehret korrispondenza qasira b'riferenza għall-kwistjoni. Għalkemm tidher insinifikanti, l-ittra fissret il-bidu tat-tmiem tal-kwistjoni.

Il-festi ta' Santa Marija tal-1954 saru bħas-soltu, iżda wara beda l-għawġ. L-Isqof ta'

www.gozocathedral.org.mt

Santa Marija fit-Tokk qrib l-1930

Għawdex, bħala Ragħaj Spiritwali, ipprova jżomm il-kalma. Iżda kien hemm min ipprova jfixkel, anke wħud li, minħabba l-pożizzjoni tagħhom, messhom imxew iktar kif jixraq u kif imiss.

Il-parruċċani tal-Katidral, il-partitarji tal-Banda Leone, fil-prinċipju ma kienux kontrarji għall-firda mill-ġdid tal-parroċċa, iżda min-naħa l-oħra riedu illi jekk isseħħ, ma jitpoġġewx f'qagħda inferjuri, iktar u iktar meta l-parroċċa tagħhom kienet il-Katidral tal-gżira. Fost it-talbiet magħmula kien hemm proprju dik li tolqot l-istorja li qed ninsġu ta' l-istatwa ta' Santa Marija.

Id-diskussjonijiet min-naħa tal-Banda Leone tmexxew mill-President Onorarju, l-Avukat Francesco Masini, mill-President, is-Sur Joseph Vella Muskat, mill-Viċi-President, l-Ispiżjar Louis Abela, u mis-Segretarju, is-Sur Ġorġ Attard. Dawn talbu fost kollox li l-purċissjoni ta' Santa Marija, li sa dak iż-żmien kienet issir filgħodu mill-Katidral sa San Ġorġ u lura, mingħajr statwa u mingħajr banda, tibda ssir filgħaxija mat-toroq tal-Belt Victoria. Offrew, saħansitra, li jagħtu l-istatwa ta' Santa Marija għal din il-purċissjoni.

Fid-diskussjonijiet li saru ma' l-Isqof, għenew mill-aħjar li setgħu Patri Robertu Gatt, Gwardjan tal-Kapuċċini, u Dun Tarċis Gatt, dik il-ħabta ċeremonier ta' l-isqof. Għen ukoll ħafna u b'diversi modi, is-Sur Censu Cauchi (ta' l-Arġentier).

Fit-23 ta' Jannar, 1955, l-Isqof Pace, permezz ta' l-Arċipriet tal-Katidral, Mons. Mikiel Cefai, ippubblika Digriet bid-data tal-21 ta' Jannar, li permezz tiegħu neħħa l-purċissjonijiet sekondarji fir-Rabat, fosthom dawk li kienet tieħu sehem fihom il-banda 'Leone'. Imbagħad, fl-1 t'Awissu 1955, bid-Digriet **Cum hodiernis temporibus,** l-Isqof Pace fired mill-ġdid iż-żewġ parroċċi. Il-festi esterni ta' l-Assunta ta' dik is-sena ma sarux.

Sadattant, il-Kumitat tal-Banda Leone, talab lill-E.T. Mons. Arċisqof Gerald O'Hara, Delegat Apostoliku ta' l-Ingilterra u ta' Malta biex jindaħal fil-biċċa. Fl-aħħar ta' l-1955, deher li l-ftehim qed joqrob.

IL-FTUĦ TAL-MINA

Qabel ma nkomplu fuq dil-biċċa, nitfgħu ħsiebna fuq biċċa ksur ir-ras oħra. Saż-żmien li qegħdin ngħidu, biex tidħol fiċ-ċittadella fejn hawn il-Katidral, kien hemm biss il-mina żgħira, li kien hemm min jaf għal kemm sekli, iżda restawrata fl-1904. Minn taħtha l-istatwa ta' l-Assunta ma kenitx tgħaddi. Kien hemm ħtieġa li tinfetaħ mina ikbar faċċata tal-Katidral.

Ma kenitx ħaġa faċli li ssir dil-qasma fis-swar; iżda daqskemm kienu kbar l-intoppi li nqalgħu, daqstant ieħor kienet soda r-rieda tal-Kumitat li dil-mina sseħħ. U bl-għajnuna tas-Sur Wenzu Debrincat, membru parlamentari, id-diffikultajiet intrebħu kollha. It-Tnejn, 9 ta' Jannar, 1956, ħafna partitarji ta' l-Iljun flimkien mal-ħaddiema tal-Gvern, bdew iżarmaw il-ħitan. F'inqas minn tliet xhur, ix-xogħol ewlieni

www.gozocathedral.org.mt

tlesta. Il-Katidral ħa dehra ısbaħ u fuq kollox issa setgħet issir purċissjoni bl-istatwa.

Nhar is-27 ta' Marzu, 1956, intlaħaq ftehim bejn delegazzjoni tal-Banda Leone u l-Isqof Pace dwar diversi punti tal-kwistjoni parrokkjali tar-Rabat. Il-ftehim iffirmat fl-4 ta' April, jiftaħ hekk: "Festa. Proċessjoni nhar il-15 ta' Awissu, filgħaxija, bl-istatwa ta' Santa Marija li għandha sal-lum is-Soċjetà Filarmonika Leone".

Fl-20 ta' April, il-President tas-Soċjetà, issa s-Sur Ġużi Tabone, permezz ta' l-Avukat Francesco Masini, ippreżenta rikors lill-Isqof ta' Għawdex, li fih għarfu:

> "Li l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika tiegħu qatagħha li fid-29 tax-xahar issir iċ-ċerimonja solenni tat-tberik ta' l-istatwa ta' Marija Assunta, proprjetà ta' l-istess Soċjetà Leone, biex wara tittieħed f'Purċissjoni solenni bil-parteċipazzjoni tal-Kapitlu, tal-Kleru u tal-poplu mill-post fejn titbierek għall-Knisja Katidrali, fejn tinżamm, biex kull 15 ta' Awissu filgħaxija tiddawwar proċessjonalment mal-Belt Victoria bl-akkumpanjament tal-Banda Leone". Għarfu wkoll:
>
> "Li l-Kumitat qed jirregala din l-istatwa bil-kundizzjonijiet
>
> (1) li l-Banda Leone jkollha d-dritt esklussiv takkompanja l-purċissjoni, u
>
> (2) li jinħatar Prokuratur biex jaħseb għall-ispejjeż tal-festi nterni li kellhom isiru b'ikbar solennità f'ġieħ l-Imqaddsa Verġni Marija Assunta, titular tal-Knisja Katidrali u Patruna tad-Djoċesi ta' Għawdex". Ir-rikors jagħlaq billi jitlob:
>
> "Lill-E.T. ħa jagħti l-permess meħtieġ u jaċċetta l-għotja ta' l-istatwa ta' Santa Marija lill-Knisja Katidrali ta' Għawdex bil-kundizzjonijiet imsemmija".

L-Isqof ta' Għawdex formalment aċċetta dan kollu fis-27 ta' April. L-għada, Santa Marija sebħet armata fl-intrata tal-Każin. Serbut twil ta' nies minn Għawdex kollu żaru lill-Assunta dak inhar. Għadni niftakar anki jien, tifel żgħir, mort inżurha maz-zija tiegħi.

Kulħadd kien jieqaf imsaħħar mis-sbuħija ta' l-istatwa li għall-okkażjoni kienet restawrata mill-istatwarju Wistin Camilleri. Kulħadd ammira kullana u ċinturin li żżanżnu dak inhar. Kulħadd ħalla xi offerta qabel ma ħareġ. Sa filgħaxija ta' l-għada, ingħataw qalb tad-deheb, salib tal-fidda, xintill, tliet labriet tad-deheb u ħaġar prezzjuż, sitt brazzuletti, seba' pari msielet, wieħed u ħamsin ċurkett u £34.92c.

ID-29 TA' APRIL, 1956

Sa fl-aħħar wasal il-jum tant mistenni. Sebħet il-ġurnata li min jaf kemm kienu ħolmu biha dawk kollha li ħabbew lill-Assunta. Bexbxet l-awrora tad-29 ta' April, 1956.

Santa Marija tasal għat-tberik fi Pjazza Savina. F'paġna 4, Santa Marija armata fil-Każin tal-Banda 'Leone' qabel inħarġet għat-tberik.



www.gozocathedral.org.mt

It-tberik ta' Santa Marija. Fuq quddiem is-Seminarista C. Scicluna (illum Arċipriet tal-Katidral), G. Tabone, l-Isqof Pace, Dun Tarċis Gatt u Patri Ġorġ Portelli

Kien il-Ħadd. Jum xemxi, iżda b'irjieħ qawwija mill-punent. Ħafna mill-armar ta' barra ma setax jintrema. Diversi bandalori li kellhom jiżżanżnu dik il-għodwa ma setgħux jittellgħu. Velu ta' dieqa kien igħatti wiċċ kulħadd.

Iżda l-Madonna mis-sema kienet għażlet għaliha dik il-ġurnata. Ma' nofsinhar ir-riħ beda jonqos. Iż-żgħażagħ ta' Ljun ħarġu jwaħħlu f'malajr kulma kellhom ippreparat. Sa l-erbgħa kienet kalma perfetta.

Eluf kbar ta' nies minn kull rokna ta' Għawdex u anke minn Malta kienu sadattant ħonqu kull post fl-inħawi ta' Savina. Fost sparar mill-Kastell, u d-daqq tal-Banda Leone, fl-erbgħa ta' filgħaxija, l-istatwa ta' l-Assunta ħalliet il-każin għall-aħħar darba. Minn Triq Mikelanġ Refalo, ġiet imdawra mal-Pjazza tat-Tokk u tost ċapċip li jtarrax twasslet Pjazza Savina. Sadattant, fil-ħamsa u nofs, telqet purċissjoni mill-Katidral immexxija minn Mons. Arċidjaknu Pawlu Cauchi. Ftit wara waslet fejn Savina u warajha wasal ukoll l-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex.

Il-President, is-Sur Ġużi Tabone, għamel diskors qasir li fih niseġ fil-qosor l-istorja ta' l-istatwa majestuża ta' l-Assunta. Imbagħad, Mons. Isqof, megħjun minn Mons. Salvatore Attard, kappillan tal-Banda, bierek l-istatwa. Dritt wara, il-President, f'isem il-Kumitat u l-partitarji kollha tal-Banda Leone, ippreżentaha lill-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

Mal-preżentazzjoni, tal-kurunetti daqqew tislima lill-Madonna. Ċapċipa li ttarrax dwiet ma' Pjazza Savina. Minn fuq is-sur beda

www.gozocathedral.org.mt

Santa Marija tiela' għall-ewwel darba l-Katidral

tiela' salut li spiċċa f'kaxxa infernali.

Il-purċissjoni bdiet titħarrek bil-mod il-mod fost il-folla immensa lejn il-Katidral. Fis-sebgħa sewwa ta' dak il-Jum Storiku tad-29 ta' April, ta' ħamsa u għoxrin sena ilu, Santa Marija waslet għall-ewwel darba fil-Pjazza tal-Katidral.

Il-waqt mistenni kien wasal! Il-kelma miktuba qatt ma tasal biex tfisser il-ferħ li ġarrab il-poplu dak il-ħin. Ċapċip ta' eluf. Sparar ta' murtali. Daqq ta' qniepen ferreħija. U bid-dmugħ iġelben minn għajnejha, il-kotra għajtet għalenija: Viva, Viva, Santa Marija!

Wara ftit tal-ħin, minn fuq it-taraġ tat-Tempju Ewlieni tal-gżira, l-E.T. għamel diskors ta' merħba lill-Assunta mal-wasla tagħha fil-Knisja Katidrali tiegħu. U l-folla, mill-ġdid għalenija, kantat mal-Banda l-Ave Marija. Imbagħad, Santa Marija ddaħħlet għall-ewwel darba f'din il-Knisja Katidrali. Mons. Isqof intona t-'Te Deum' u ta l-Barka Sagramentali.

Waqt riċeviment li sar fil-Każin tal-Banda Leone dritt wara, il-President tas-Soċjeta, is-Sur Tabone, fil-preżenza tal-President Onorarju, l-Avukat Francesco Masini, ippreżenta lill-Isqof kalċi sabiħ b'turija ta' qima u radd il-ħajr talli għamel possibbli l-ġrajja ta' dak il-jum. Il-Banda Leone għalqet dik il-ġurnata storika bi programm vokali strumentali fil-Pjazza tat-Tokk taħt id-direzzjoni tas-Surmast Willie Attard. Ħadu sehem ukoll it-tenur Nazzarenu Refalo u s-Sopran Hilda Tabone.

L-Isqof Pace jagħti merħba lil Santa Marija.

(Xellug P. 10) Santa Marija fl-Oratorju, 11 ta' Novembru, 1950.

(Lemin P. 10) L-offerta tar-rigal, mix-xellug l-Arċidjaknu P. Cauchi, l-Avukat F. Masini, l-Isqof, il-President G. Tabone u Mons. S. Attard.

www.gozocathedral.org.mt

Fit-tlitt ijiem ta' wara, fil-Katidral saru festi speċjali b'tifkira li matulhom Santa Marija kienet esponuta fil-Knisja. Wara tqegħdet f'niċċa maħduma mill-ġebla Maltija. Bħala l-ewwel Prokuratur inħatar Mons. Mikiel Grech. Il-Festi ta' l-Assunta ta' ħamsa u għoxrin sena ilu, kienu mill-ikbar li qatt saru. Għall-ewwel darba, fil-15 ta' Awissu, filgħaxija, Santa Marija ttieħdet f'purċissjoni mat-triqat tal-Belt Victoria. Fid-19 ta' Diċembru, il-Kumitat tal-Banda poġġa rħama fil-Katidral, b'kitba ta' Mons. Attard, biex il-ġrajja l-kbira tad-29 ta' April tibqa' mfakkra għal dejjem.

ID-DEVOZZJONI TIKBER

Permezz ta' Santa Marija, il-ħajja pastorali fil-Katidral, li kienet tħalliet tispiċċa kważi fix-xejn, reġgħet ħadet ir-ruħ. Id-devoti ta' l-Assunta issa bdew ta' kuljum iżuruha u jitolbuha. L-offerti li komplew u għadhom jagħmlu tal-grazzji maqlugħa ma jitwemmnux jekk ma tarax b'għajnejk u tmiss b'idejk.

Fl-1957, ġew imżanżna kuruna kbira tal-fidda u pavaljun tal-lama bajda u ċelesti rrakkmata bid-deheb biex taħthom titqiegħed l-istatwa ta' l-Assunta. Fl-1958, beda l-ġbir għall-pedestall tal-fidda. Sewa fuq £7,000, u tlesta għall-festa ta' l-1962. Sal-lum hu uniku f'Għawdex. Wara dan, beda l-ġbir għall-bradella u l-bankun. Saru minn injam tal-ġewż u bronż. Swew mat-£3,000 u żżanżnu għalkemm mhux lesti minn kollox għall-festi ta' l-1964. Il-plakki tal-bronż b'figuri maqlugħa għal kull faċċata tal-bankun u l-erba' statwi ta' l-erojini għall-kantunieri tlestew kollha fl-1966. Kmieni fl-istess sena, wara għotja tal-familji Debrincat u Gatt ta' Detroit, in-niċċa ta' Santa Marija nksiet kollha bl-irħam, waqt li s-saqaf kien dekorat bil-pasta u ndurat bid-deheb. Fl-1970, wara għotja ta' Salvatore Farrugia, intgħamlu Ruma żewġ lampieri tal-fidda għal quddiem in-niċċa. Sena wara żżanżnu żewġ linef tal-kristall għal quddiem l-istatwa fil-ġranet tal-festa. Fl-aħħar ta' l-1980, Santa Marija kienet mill-ġdid restrawrata minn Pawlu u Michael Camilleri Cauchi, u ndurata b'mod iktar rikk minn qabel minn Horace Farrugia.

Semmejt biss l-opri ġodda li saru f'relazzjoni ma' l-istatwa ta' Santa Marija. Għax il-miġja tagħha fil-Katidral kienet il-bidu ta' bosta opri oħra. Kienet ukoll il-kawża ta' qawmien spiritwali fil-parroċċa. Insemmu biss li fl-1957, twaqqfet il-fratellanza ta' Santa Marija bit-tħabrik tas-Sur Ċensu Cauchi, li nħatar l-ewwel Rettur, u ta' Mons. Tarċis Gatt, l-ewwel Prokuratur. Id-devozzjoni Marjana baqgħet dejjem tikber u tiżdied. Tant hu hekk li nhar l-Assunta ta' l-1975, il-kwadru titulari ta' din il-Knisja Katidrali seta' jiġi nkurunat b'digriet Pontifiċju. U kienet bla dubju l-istess devozzjoni li ser twassalna biex fi ftit sigħat oħra nqegħdu stellarju fuq ras Santa Marija.

J'Alla Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem tagħmel li dan l-istellarju tad-deheb, bħall-qlub tad-devoti kollha li offrewh, ikun xhieda li tilma, tiddi u tqanqal illum u għal dejjem id-devozzjoni ta' l-Għawdxin lejn Santa Marija.

Inqara l-ewwel darba l-Katidral fis-7 ta' Awissu, 1981.

BIBLIJOGRAFIJA:

ARCHIVES OF THE LEONE PHILHARMONIC SOCIETY, **Minutes. Miscellaneous Programmes. Music Papers.**

ARCHIVUM CATHEDRALE GAUDISIENSE, **Pastoralia, Il-firda tal-Parroċċi u l-Għoti ta' l-Istatwa** (file ta' Korrispondenza).

ARCHIVUM EPISCOPALE GAUDISIENSE, **Decreta, Camilleri**, 1895-97. **Pace,** 1955-56. **Ricorsi speciali,** 1956.

BEZZINA, Joseph, **L-Istatwi Titulari tal-Parroċċi kollha ta' Għawdex, f'il-ħajja f'Għawdex** 64 (1973) Suppliment.

GRECH Grazio A., **Ġrajjiet il-Banda "Il Leone" ta' Għawdex,** Għawdex 1967.

SCICLUNA Carmelo, **Il-Katidral ta' l-Assunta** , Għawdex 1965.

Ġew ukoll konsultati ħafna gazetti kontemporanji u diversi programmi ta' tifkira.

Tawni tagħrif siewi: Abela Louis, Apap Carmelo, Apap Joseph, Bezzina Francesco, Camenzuli Dolores, Camilleri Cauchi Pawlu, Cordina Vincenzo, Debrincat Wenzu, Gauci Mons. Ġużepp, Grech Grazio, Grech Joseph, Grech Vincent, Masini Michael, Mompalao Amleto, Scicluna Arċip. Carmelo, Scicluna Frances, Tabone Ġużi, Tabone Vincenza, Vella Karlu, Vella Muskat Joseph, Xerri Ġużepp, Xerri Salvatore.

www.gozocathedral.org.mt

L-Editur irodd ħajr lil Fr. Joe Bezzina li għen fil-kompilazzjoni ta' "L-Għid ta' l-Assunta".

RANK XEROX
Copy Bureau

- Standard copying and duplicating.
- Same size or reduction copies.
- Collating.
- Copying onto many materials e.g. self-adhesive labels, overhead projection transparencies, bond letterheads, translucent paper and colouredpaper.
- Quality reproduction of photographs and halftones up to A3.
- Large scale copies of maps, designs and drawings (same size or reductions).
- Computer printout duplicated or reduced.
- FREE ADVICE on all reprographic and copying problems.

IMAGE SYSTEMS GOZO LTD.
Kennedy Square, Victoria, Gozo.

JOSEPH CARUANA & Co. Ltd
59. REPUBLIC STREET, VICTORIA, GOZO
JIĊĊELEBRAW IL-61 ANNIVERSARJU
FL-IMPORTAZZJONI TA' KULL MATERJAL TA' BINI
—— BIL-FTUĦ TAL-FABBRIKA ——
CARUANA HOOKS + NAILS
LI TIMMANUFATTURA KULL KWALITA' U DAQS
TA' IMSIEMER U GRAMPUNI
GĦAL LOKAL U GĦALL-ESPORTAZZJONI

www.gozocathedral.org.mt

MILL-ALBUM TAL-ĦIDMA PASTORALI FIL-KATIDRAL

FORUM GĦALL-MIŻŻEWĠIN FIL-KATIDRAL, 1981

- "l-attivitajiet pastorali...isiru fil-Katidral bl-iskop li din il-parroċċa tal-Katidral tiġi nkwadrata fil-kuntest tat-tagħlim tal-Konċilju li jixtieq li l-parroċċa fid-dinja tal-lum tirrifletti l-preżenza ta' Kristu fl-ambjenti kollha li fihom ikunu jgħixu l-membri tagħha."

PLAYFORUM GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FL-'AURORA' THEATRE — 1981 —

- Illum fil-Katidral mill-aspett pastorali jsiru l-attivitajiet kollha li jiġu mwettqin fi Knisja parrokkjali li qiegħda tiffunzjona b'mod normali. Priedki, konferenzi, laqgħat, eċċ.

IS-SUP. G. GRECH IKELLEM LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ — 1980

- "Fl-arena liturġika llum m'hemmx post għall-insara ta' Disney Land, għall-insara fittizji jew għall-insara muti, imma hemm wisa' biss għal dawk li bl-ebda mod ma jridu li jkunu ħatja ta' tradiment ta' l-identità nisranija tagħhom".

www.gozocathedral.org.mt

MILL-ALBUM TAL-ĦIDMA

PROMOZZJONI UMANA tal-KATIDRAL

GĦOTJA TA' £M100.00,0

GĦALL-INKAPAĊITATI — 1981

• "...il-Knisja li ma hijiex ħlief l-identifikazzjoni tal-ħidma ta' Kristu fuq din l-art, taħdem għas-salvazzjoni ntegrali tal-bniedem u għall-iżvilupp totali tiegħu".

HAMPERS LILL-ANZJANI TA' L-ISPTAR 'CRAIG' — 1980

• "...il-parroċċa tal-Katidral matul dawn l-aħħar 25 sena offriet sehem mhux ċkejken biex tissensibilizza lill-parruċċani tagħha dwar id-doveri li jipprattikaw l-umaniżmu nisrani..."

PAGEANT TAL-MILIED — 1980

•"...mhux lussu għall-Knisja li taħdem biex jinqered l-analfabetiżmu u l-faqar mid-dinja, imma hija wkoll biċċa mill-missjoni li fdalha l-Fundatur tagħha, Ġesù Kristu".

www.gozocathedral.org.mt

1 ta' Awissu, 1980

Kronaka tal-

Nru.	Data tal-Magħmudija	Isem tat-Tarbija	Isem u Kunjom il-Ġenituri
1.	4- 9-80	Kevin	Carmelo u Susanna Azzopardi
2.	21- 9-80	Larry	Franco u Rosa Vella
3.	19-10-80	Alex	Antonio u Anna Caruana
4.	19-10-80	Ferdinand	Antonio u Maria Portelli
5.	19-10-80	Glen	Joseph u Maria Dolores Cassar
6.	19-10-80	Eleen	Joseph u Maria Grazia Camilleri
7.	19-10-80	Oliver	Stephano u Josepha Farrugia
8.	30-11-80	Ruben	Victor u M'Concetta Buttigieg
9.	12-12-80	Maureen	Salvu u Maria-Rosa Grech
10.	14-12-80	Paul	Michele u Maria-Rosa Camilleri
11.	25-12-80	Victor	John u Adreana Spiteri
12.	18- 1-81	Mario-Giorg	Carmelo u Gracie Cassar
13.	8- 2-81	Simone	Lewis u Rita Camilleri
14.	8- 2-81	Andrew	Francis u Emmanuela Lupi
15.	8- 2-81	Eve Pauline	Walter u Marthese Mompalao
16.	8- 2-81	Franco-Joseph	Joseph u Mary Scicluna
17.	15- 2-81	Ian Paul	Carmelo u Carmela Bajada
18.	8- 3-81	Melanie-Eve	Joe u Maria Grech
19.	15- 3-81	Joseph	Joe u Vivienne Abela
20.	22- 3-81	Jacob	Carmelo u Pauline Portelli
21.	5- 4-81	Jochen	Ŝalvu u Carmen Tabone
22.	19- 4-81	Heather-Tarine	Manwel u Josephine Debono
23.	1- 5-81	Marie (M'Dolores)	Teddy u Frances Vella
24.	10- 5-81	Manwel	Joseph u Kelina Grech
25.	31- 5-81	Stefan	Emanuel u Pauline Bajada
26.	31- 5-81	Ġorġ	Nikola u Vitorina Attard
27.	12- 6-81	Miriam	Espeditu u Emanuela Hili
28.	20- 6-81	Roseann	Carmelo u Josephine Sillato
29.	21- 6-81	Marvic	M'Anġlu u Antonia Mizzi
30.	21- 6-81	Maria	Ġorġ u Carmen Grech
31.	5- 7-81	Margaret	Carmelo u Maria Xuereb
32.	5- 7-81	Josmar	Joe u Miriam Grech
33.	12- 7-81	Maria	Ġorġ u Ġorġina Cordina

Barra mill-Parroċċa

34.	15- 5-81	Roberta	Joseph u Rose Grech
35.	3- 6-81	Kevin	Emanuel u Rita Theuma

www.gozocathedral.org.mt

Parrocca

31 ta' Lulju, 1981

Ismijiet tat-Tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina fis-sena 1981 fil-Katidral — Għawdex

	Isem u Kunjom	Indirizz
1.	Abela Simone	34, Sump Street, Victoria.
2.	Attard Pierre	N.B., Ġilju Street, Victoria.
3.	Azzopardi Maria	N.B., Capuchins' Street, Victoria.
4.	Bezzina Joanne	6, Sir Paul Boffa Street, Victoria.
5.	Borg Anna	N.B., St. Ursola Street, Victoria.
6.	Borg Eric Charles	38, Sannat Road, Victoria.
7.	Borg Marlene	3, Corner House, Victoria.
8.	Bugeja Mario	Block H, Flat 1, Sannat Road, Victoria.
9.	Calleja Jason Mario	Off Sannat Road, Victoria.
10.	Camilleri Claire Pauline	55/1, Main Gate Street, Victoria.
11.	Cassar Charmaine	N.B., G. Ellul Mercer Street, Victoria.
12.	Cordina Steve	N.B., Castle Street, Victoria.
13.	Curmi Diane Margaret	N.B., 7th June Street, Victoria.
14.	Cutajar Antoinette	'Cutajar Estate', N. St. in Sir P. Boffa St., Vict.
15.	Daly Sean	20, Govt. Housing Estate, Sannat Rd., Vict.
16.	Debono Daniella	Capuchins' Street, Victoria.
17.	Farrugia Carmel	N.B., Anton Mallia Street, Victoria.
18.	Farrugia Josette	23, Foreman Street, Victoria.
19.	Gatt Godwine	31, Arch. P. Cassar Street, Victoria.
20.	Gatt Josianne	Govt. Terrace House, 9, Sannat Rd., Vict.
21.	Gatt Ronnie	30, Capuchins' Street, Victoria.
22.	Gauci Joseanne	13, St Mary Street, Victoria.
23.	Grech Dian	'Checkmate Hse', G. Ellul Mercer St., Vict
24.	Grech Gordon	N.B., Mary Meylak Street, Victoria.
25.	Grech Jean Pierre	Castle Street, Victoria.
26.	Hili Joel	19, Foreman Street, Victoria.
27.	Lanzon Moira	N.B., Republic Street, Victoria.
28.	Micallef Etienne	Flat 19, Sannat Road, Victoria.
29.	Mejlak Anna Maria	10, Mgr. L. Vella Street, Victoria.
30.	Mompalao Kevin	N.B., Ġilju Street, Victoria.
31.	Pace Jane	'Sun Flower'. Ġiliu Street. Victoria.
32.	Portelli Angele François	Ġnien Xibla Street, Xagħra.
33.	Portelli Claire Anne	Ġnien Xibla Street, Xagħra.
35.	Scerri Lian	N.B., Sir P. Boffa Street, Victoria.
36.	Scerri Marie Claude	43, Flat 1, By the Bastion Rd., Victoria.
37.	Tabone Marianne	'Shalom', St. Ursola Street, Victoria.
38.	Vella Moira	4, M'Angelo Refalo Street, Victoria.
39.	Xuereb Jan	N.B., Republic Street, Victoria.
40.	Zahra Miriam	38, Foreman Street, Victoria.
41.	Zahra Suzanne	22, St. George's Street, Victoria.
		40, Mgr. L. Vella Street, Victoria.

www.gozocathedral.org.mt

Evalwazzjoni tal-Ħajja Pastora
Bis-Saħħa ta' l-Istatwa ta' Sant

Il-Papa Pawlu VI fl-Eżortazzjoni Apostolika tiegħu 'Evangelii Nuntiandi' jikteb: "għalkemm id-devozzjonijiet popolari għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom, imma ħadd ma jista' jiċħad li minnhom ma jistax jinkiseb ħafna ġid jekk wieħed ikun kapaċi jislet l-evalwazzjoni tagħhom. Huwa veru li dawn id-devozzjonijiet



jistgħu joholqu bosta stonaturi u superstizzjonijiet fir-reliġjon nisranija. Ta' spiss ukoll dawn id-devozzjonijiet jibqgħu fuq livell ta' forom ta' qima li ma jwasslux biex idaħħlu lill-insara fil-veru spirtu tal-komunità ekkleżjali. Iżda jekk jiġu orjentati tajjeb, huma tabilħaqq għonja fil-valuri tagħhom".

25 SENA ILU

25 sena ilu, is-Soċjetà Filarmonika 'Leone' irregalat lill-Katidral t'Għawdex l-istatwa sabiħa ta' Santa Marija Assunta billi fl-ewwel Kolleġġjata Matriċi ta' Għawdex kien għad m'hemmx statwa titulari. Huwa veru li fl-istaġun post-konċiljari li fih qegħdin ngħixu wieħed m'għandux jiffumenta ħwejjeġ bħal dawn li flok idgħajfu jkomplu jsaħħu madwar il-poplu l-ambjent ta' l-infantiliżmu spiritwali. Stat bħal dan jissokta joftom lill-poplu minn ħajja awtentikament nisranija li titlob li quddiem is-sagrifiċċji u ċerti ċirkustanzi iebsin, ma tħallihx jirtira fil-kamp tal-ġufija u ta' l-etika tas-sitwazzjoni, imma aktar tħeġġu biex juri l-konvinzjonijiet insara tiegħu quddiem kulħadd. Hu tabilħaqq minnu li fis-soċjetà polarizzata tad-dinja tal-lum, m'għadux iż-żmien li wieħed jinjetta lill-poplu tagħna b'doża qawwija ta' partiġġjaniżmu li twasslu biex jiġi jċapċap quddiem l-istatwa titulari mingħajr ma jinduna li din hi forsi l-agħar forma ta' kif wieħed għandu jippreżenta u jirriklama r-reliġjon ta' Kristu. Konna nkunu qegħdin nagħmlu tort lill-Vanġelu ta' Kristu u nagħtuh forma ta' karikatura, kieku kellna nserrħu rasna mill-futur tal-fidi nisranija ta' pajjiżna l-għaliex il-parruċċani tagħna għadhom jinteressaw irwieħhom fil-festa titulari, iżda mbagħad l-istess parruċċani ftit li xejn iħabblu rashom jekk f'art twelidhom hijiex tikber l-immoralità pubblika u l-korruzzjoni tal-kostumi.

Ma nistgħux ma nammettux li d-devozzjonijiet popolari jekk ma nagħrfux nivvalurizzawhom billi ma niżvojtawhomx mill-kontenut evanġeliku tagħhom, jikkondizzjonawna għall-medjokrità fil-ħajja tagħna bħala nsara. Iżda nkunu qegħdin niżbaljaw mhux ftit jekk aħna nħallu dawn il-festi titulari jaħarbu minn taħt idejna mingħajr ma nkunu ppruvajna nxiddulhom il-libsa tat-tagħlim konċiljari. U

www.gozocathedral.org.mt

...rali fil-Katidral ...nta Marija

għalkemm l-idea tal-Konċilju Vatikan II, 25 sena ilu kienet għadha lanqas biss tinsab fi stat embrijonali, madankollu dawk kollha li kienu responsabbli mill-kura ta' l-erwieħ fil-Katidral ħatfu din l-okkażjoni biex il-Knisja Matriċi t'Għawdex, bħala parroċċa, terġa' tikseb il-post li jixirqilha fil-mappa tal-ħidma pastorali tad-

Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna

djoċesi Għawdxija. U hekk kif ġisem mingħajr ruħ jissejjaħ kadavru, oġġett, jiġifieri, ta' bla ebda ħajja hekk ukoll Knisja parrokkjali li fiha ftit li xejn titwettaq ħidma pastorali, tibda tarmi riħa ta' moffa spiritwali għax tkun riesqa lejn il-mewt tagħha, bħala komunità ekkleżjali. Parroċċa bħal din tkun fil-ħidma pastorali tad-djoċesi ċellula marida li ħakimha l-mikrobu qerriedi ta' l-indifferenza u tal-bruda lejn l-attivitajiet kollha li jsiru għall-formazzjoni ta' bnedmin ġodda. U bħalma l-qalb tippompja d-demm fil-vini kollha li jserrpu ma' ġisem il-bniedem biex tagħtih il-ħajja, hekk ukoll il-ħidma pastorali fi knisja parrokkjali tittrasmetti l-ħajja nisranija fil-membri tagħha biex ikunu forza kostruttiva fil-bini tal-ġisem mistiku ta' Kristu. U din il-bidla għall-aħjar fil-qasam pastorali tal-Knisja Katidrali ġiet ikkaġunata mill-fatt li s-Soċjetà Filarmonika 'Leone' irregalat lill-Katidral l-istatwa ta' Santa Marija.

ŻVILUPP PASTORALI:

Fis-sena 1956, il-Knisja Katidrali qabdet it-triq ta' l-iżvilupp pastorali. Dan huwa fatt li

ħadd ma jista' jiċħdu. Difatti minn din is-sena, fil-Katidral mill-ġdid bdiet issir l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. In-numru tat-trabi li l-ġenituri bdew iġibu fil-Katidral għall-

www.gozocathedral.org.mt

Magħmudija laħaq ċifra għolja daqs dik ta' waħda mill-akbar parroċċi t'Għawdex. Il-ħinijiet tal-quddies u tal-qrar ġew imfasslin b'orarju fiss. U ħaġa tassew kurjuża li sa dak in-nhar fl-ebda parroċċa t'Għawdex ma kien għadu jeżisti l-orarju fiss tal-quddies **kollu** li jiġi ċċelebrat. Prattikament fil-knejjes tal-Patrijiet biss il-ħinijiet tal-quddies kienu fissi.

L-evoluzzjoni pastorali fil-Katidral baqgħet tagħmel passi ta' ġgant fuq it-triq tal-progress u kisbet ukoll proporzjonijiet mhux ċkejknin mal-medda tas-snin. Illum, fil-Katidral mill-aspett pastorali jsiru l-attivitajiet kollha li jiġu mwettqin fi Knisja parrokkjali li qiegħda tiffunzjona b'mod normali. Priedki, konferenzi, laqgħat għall-kategoriji kollha tan-nies tal-parroċċa, preparazzjoni xierqa għall-ġenituri tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-kandidati tal-Griżma ta' l-Isqof, kif ukoll thejjija fuq bażi parrokkjali għall-għarajjes, huma lkoll attivitajiet pastorali li qegħdin isiru fil-Katidral bl-iskop li din il-parroċċa tal-Katidral tiġi nkwadrata fil-kuntest tat-tagħlim tal-Konċilju li jixtieq li l-parroċċa fid-dinja tal-lum tirrifletti l-preżenza ta' Kristu fl-ambjenti kollha li fihom ikunu qegħdin igħixu l-membri tagħha. Kienet, għalhekk, tassew flokha l-osservazzjoni li darba għamel il-Papa Piju XII meta stqarr li l-lajċi m'humiex bnedmin li qegħdin igħixu fil-Knisja imma huma jiffurmaw l-istess Knisja. U f'din in-nomenklatura attwali qiegħed isir il-progress pastorali fil-parroċċa tal-Katidral biex il-membri tagħha ma jibqgħux bl-idea li l-parroċċa tfisser 'equippe' ta' erbgħa min-nies magħżula biex flimkien mal-kappillan jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tal-beni materjali li għandha din il-knisja parrokkjali. Kellha raġun il-Kummissjoni Liturġika ta' waħda mid-djoċesijiet ta' l-Amerika tistqarr li l-Knisja ma tfissirx organizzazzjoni mmexxija mill-elite tal-Kattoliċi bil-headquarters tagħhom ġewwa Ruma, imma tfisser il-Poplu t'Alla msejjaħ kollu kemm hu minn Kristu Ġesù biex flimkien miegħu jagħtu ġieħ, glorja u sebħ 'l Alla permezz tal-Liturġija.

IL-LITURĠIJA

Il-preżenza ta' Kristu fid-dinja tal-lum l-aktar li tinħass permezz tal-Liturġija l-għaliex bis-saħħa tagħha dan Kristu jwasslilna l-messaġġ evanġeliku tiegħu jew aħjar il-Kelma t'Alla. Għalhekk il-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija tal-Konċilju Vatikan II tgħallimna li l-Liturġija "hija egħmil pubbliku tal-Knisja kollha kemm hi — Ras u membri — li bih hija tagħti glorja 'l Alla u tikseb qdusija dejjem akbar." (art. 5 u 6). U fil-kamp tal-Liturġija l-parroċċa tal-Katidral għamlet progress l-aktar kbir.

Kienet is-sena 1968 meta twaqqaf fil-Katidral l-ewwel kor parrokkjali f'Għawdex kif xtaqu l-Konċilju Vatikan II, bl-iskop jiġifieri, li jgħin lill-assemblea liturġika biex tieħu sehem fil-kant vernakulari li beda jsir fil-funzjonijiet kollha liturġiċi, inkluża ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Il-kant bil-vernakular fil-qasam tal-Liturġija kienet għal kollox ħaġa ġdida u frott tat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II. U għalhekk l-istess Konċilju għamel suġġeriment biex fil-parroċċi jitwaqqfu l-korijiet bil-għan li jgħinu lill-poplu jissieħeb fil-kant biex il-Liturġija fil-Knisja tkun aktar ħajja.

U l-kor ġdid tal-parroċċa tal-Katidral ma naqas qatt minn dan id-dover, iżda offra l-kontribut tiegħu biex il-Konċelebrazzjonijiet kollha ta' ċerti solennitajiet liturġiċi, anki dawk li fihom jieħdu sehem l-Isqof u l-Kapitlu, bdew isiru bil-kant bil-Malti. Anki saħansitra l-Għosrien li jitmexxew minn Mons. Isqof fil-Katidral bdew jitkantaw bil-Malti bis-saħħa ta' dan il-Kor. U sal-lum il-funzjonijiet kollha tal-Ġimgħa Mqaddsa li jitmexxew minn Mons. Isqof għadhom isiru kollha kemm huma bil-kant tal-vernakular. U issa, ilu jsir hekk mill-1969. U dan huwa kollu frott ta' dan il-kor. Il-parroċċa tal-Katidral ukoll kienet minn ta' quddiem nett li fir-riti tal-Assoċjamenti u tal-funerali tal-mejtin daħħlet l-inizjattiva tal-kant bil-Malti, anki tas-salmi li jitkantaw fit-triqat waqt li l-mejjet ikun qed jinġarr lejn il-Knisja Katidrali mid-dar tiegħu.

Iżda l-liturġija tesiġi wkoll li fil-funzjonijiet tagħha ma fadalx aktar kamp għall-attitudini passiva minn dawk li jkunu preżenti fil-Knisja. Fejn tidħol il-Liturġija ma jistax ikollna aktar spettaturi passivi. Atteġġjament bħal dan ilu li ndifen fil-qabar ta' l-hekk imsejjaħ aġġornament liturġiku. Anqas ma jkollna nies fl-isfera ta' l-inerzja fejn tidħol il-liturġija, aktar ikollna parroċċa pastoralment progressiva. Għalhekk is-saċerdoti kollha addetti għas-servizz pastorali tal-Katidral, ilkoll kemm huma jinsistu biex il-poplu jieħu sehem ħaj, mifhum,

www.gozocathedral.org.mt

sħiħ u kommunitarju fis-servizzi liturġiċi. Iżda l-proċess tal-progress liturġiku kif jitlob il-Konċilju ma jieqafx wara ċertu numru ta' snin, imma dejjem jinsab f'fażi ta' evoluzzjoni u żvilupp l-għaliex il-formazzjoni liturġika tan-nisrani tintemm biss fuq is-sodda tal-mewt. U jekk illum l-operaturi kollha tal-qasam pastorali jammettu li l-Knisja dejjem tinsab fi stat ta' 'semper formanda', hekk ukoll il-parroċċa fil-kamp tal-liturġija. Għalhekk mhux l-attitudini ta' issa ħdimna biżżejjed għall-progress fil-liturġija fi ħdan il-kommunità parrokkjali tagħna għandu jkun il-prinċipju li fuqu nimxu biex nilħqu l-l-livell ta' membri effettivi tal-parroċċa tagħna, imma l-atteġġjament ta' hemm bżonn nistinkaw aktar ħalli l-liturġija tkun aktar ħajja fost il-Poplu ta' Alla. Fl-arena liturġika, illum m'hemmx post għall-insara ta' Disney Land, għall-insara fittizji jew għall-insara muti, imma hemm wisa' biss għal dawk li bl-ebda mod ma jridu li jkunu ħatja ta' tradiment ta' l-identità nisranija tagħhom.

PROMOZZJONI UMANA

Il-missjoni tal-Knisja ġiet mibnija fuq dimensjoni eskataloġika. Il-Fundatur tagħha, Ġesù Kristu, waqqaf din il-Knisja biex tgħin lill-bnedmin jaslu lura għand Alla mnejn huma ġew. U biex aktar jispikka dan l-aspett eskataloġiku fil-Knisja, Alla ppermetta li matul il-medda twila tas-snin, xi qaddisin iwaqqfu Ordnijiet Reliġjużi biex il-membri tagħhom jgħixu ħajja ta' kastità, ta' ubbidjenza u ta' povertà perpetwa. Iżda minn naħa l-oħra, il-Knisja li ma hijiex ħlief l-identifikazzjoni tal-ħidma li wettaq Kristu fuq din l-art, taħdem għas-salvazzjoni ntegrali tal-bniedem u għall-iżvilupp totali tiegħu.

F'dan il-qasam ukoll il-parroċċa tal-Katidral, matul dawn l-aħħar 25 sena, offriet sehem mhux ċkejken biex tissensibilizza lill-parruċċani tagħha dwar id-dover li jipprattikaw l-umaniżmu nisrani b'mod li f'ċerti ċirkustanzi iebsa tal-ħajja li minnhom ikunu għaddejjin xi wħud mill-bnedmin ħuthom, huma m'għandhomx jitrekknu fl-isfera sentimentali "tal-imsieken" u "tal-jaħasra" xi ġralhom, imma jkunu dejjem pronti li jgħinuhom b'manjiera effettiva u konkreta.

U difatti, il-parruċċani tal-Katidral dejjem offrew kontribuzzjonijiet finanzjarji mhux ċkejknin mhux biss għall-vittmi ta' xi kalamità naturali, bħalma huma l-għargħar ta' l-ilmijiet u t-terremoti, imma wkoll għall-missjonijiet tal-Knisja Universali, għall-jum annwali tal-Karità, għall-party li jsir ta' kull sena għax-xjuħ rikoverati fl-Isptar 'Craig' u wkoll għall-parties li minn żmien għal żmien isiru għat-tfal ta' l-Istituti tal-Karità li għandna fid-djoċesi.

Iżda l-iżvilupp intellettwali tal-bniedem jifforma wkoll parti minn din il-promozzjoni umana. U l-parroċċa tal-Katidral ma baqgħetx lura f'din il-ħidma matul dawn l-aħħar snin. Fost l-attivitajiet kulturali li jinżammu perjodikament fil-Katidral ta' min isemmi l-'pageants' b'tema reliġjuża, kwizzes kateketiċi, liturġiċi u marjani, il-wirjiet istruttivi, il-festivals marjani kif ukoll il-forums dwar suġġetti ta' attwalità bħal l-abort u l-ħtieġa tad-djalogu fil-familja. U mhux l-ewwel darba li l-parroċċa tal-Katidral organizzat fit-Teatru 'Aurora' play forum u film forum għaż-żgħażagħ. Fl-istess teatru wkoll, ġie li nżammu 'Mary-Like Fashion Parades' u debates dwar suġġetti li jinteressaw liż-żgħażagħ tagħna. U dawn l-attivitajiet kollha twettqu bl-iskop li l-parroċċa tal-Katidral tgħin lill-parruċċani tagħha jiżviluppaw it-talenti tagħhom.

Huwa veru li qatt ma għandna nissagrifikaw il-ġid spiritwali minħabba l-ġid materjali. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-Knisja ma għandhiex tinteressa ruħha mit-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali tal-bnedmin. Ġaladarba fil-bniedem hemm mhux biss l-element divin — ir-ruħ — imma wkoll l-element uman — il-ġisem — il-Knisja tinsab fid-dover li tistinka għall-iżvilupp tat-tnejn għax bħalma qal il-Papa attwali, Ġwanni Pawlu II, fil-Filippini fi Frar li għadda li mhux lussu għall-Knisja li taħdem biex jinqered l-analfabetiżmu u l-faqar mid-dinja, imma hija wkoll biċċa mill-missjoni li fdalha f'idejha l-Fundatur tagħha, Ġesù Kristu.

1976

Is-sena 1976 rat dawl ġdid jiddi fuq il-parroċċa tal-Katidral li forsi mhux kulħadd induna u ntebaħ bil-qawwa tad-dija tiegħu. U dan id-dawl kien riżultat ġust ta' l-iżvilupp pastorali li kien twettaq fil-Katidral mid-data tad-29 ta' April, 1956. It-tielet xahar ta' din is-sena 1976 ra mill-ġdid fil-parroċċa tal-Katidral ir-

www.gozocathedral.org.mt

Ragħaj Spiritwali tiegħu jiffunzjona riha bħala Kappillan kif kien isir bosta u bosta snin qabel. Illum, difatti, l-għarajjes iridu jiġu fl-uffiċċju parrokkjali tal-Katidral biex jiksbu ċ-ċertifikati kollha meħtieġa għaż-żwieġ. Fl-istess uffiċċju wkoll jiġu ta' kull sena mijiet ta' nies biex jiġbru ċ-ċertifikati tal-mewt, taż-żwieġ, tal-Griżma ta' l-Isqof u tal-magħmudijiet jew tagħhom jew ta' nieshom jew ta' qrabathom skond kif ikun il-każ. F'dan l-uffiċċju wkoll illum tinsab '**history card**' ta' kull familja reġistrata mal-parroċċa tal-Katidral. Ta' spiss isir xogħol fuq dawn il-'history cards' biex jinżammu aġġornati għalkemm xi wħud minnhom għad jonqoshom ċerti dettalji u partikularitajiet biex ikunu jaqblu mal-esiġenzi pastorali ta' żminijietna. Anki għall-istudjużi ta' l-istorja ekkleżjastika u tas-soċjoloġija dawn il-'history cards' għad joffrulhom materjal imprezzabbli ta' dokumentazzjoni ndispensabbli għall-pubblikazzjonijiet tagħhom.

Barra minn hekk, illum, bis-saħħa tal-fatt li l-Arċipriet tal-Katidral jiffunzjona ta' Kappillan fl-istess Knisja Katidrali, f'din il-parroċċa nebbu l-istrutturi kollha post-konċiljari meħtieġa għall-ħidma pastorali organika tagħha. Hu veru li mhux biżżejjed li f'parroċċa jkollok il-Presbiterju u l-Kunsill Parrokkjali bil-fergħat kollha tiegħu jaħdmu biex tibni strateġija pastorali kif titlob id-dinja ta' żminijietna imma jeħtieġ li l-poplu jkollu (a) mentalità b'viżjoni tal-Knisja universali, (b) doża qawwija ta' sagrifiċċju li twasslu biex jogħla t-tibdil meħtieġ, (c) dinamiżmu evanġeliku u (d) tendenza għal 'esprit de corps' li twasslu biex pastoralment jaħdem fuq dimensjoni kollettiva u mhux individwali. Iżda wieħed irid jammetti wkoll li l-mentalità tal-poplu mhux sa tbiddilha f'ħakka t'għajn imma teħtieġ ammont kbir ta' sabar u ta' kuraġġ li jiddiriġik fuq it-triq tal-formazzjoni kontinwata. U għal din ir-raġuni, l-attivitajiet pastorali, filantropiċi, kulturali u rikreattivi li jiġu organizzati fil-parroċċa tal-Katidral ikollhom bħala mira prinċipali t-trasformazzjoni tal-mentalità tal-poplu biex fl-għaġġar u bit-tul tas-snin tiġi nkwadrata fil-gwarniċ tat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II.

Għandna tassew għax ngħożżu dak li ġara fl-1976 l-għaliex minn din is-sena nistgħu ngħidu li mill-ġdid ksibna drittijiet kollha tagħna bħala parroċċa biex minnha nagħmlu ċentru ta' ottimiżmu Nisrani, skola ta' veri valuri u għajn ta' attivitajiet li minnhom jibbenefikaw mhux biss il-parroċċani imma wkoll membri ta' komunitajiet oħra ekkleżjali.

INRODDU ĦAJR LIL ALLA

Għandna tabilħaqq motiv l-għaliex inroddu ħajr 'l Alla talli fis-sena 1956 wera permezz tal-bnedmin tad-dinja li r-rieda tiegħu kienet li s-Soċjetà Filarmomika 'Leone' tirregala lill-Katidral t'Għawdex l-istatwa sabiħa tal-Assunta għax tassew li bis-saħħa ta' din l-istatwa pastoralment il-Knisja Katidrali tbiddlet mil-lejl għan-nhar, ħadet xejra għall-aħjar, qabdet it-triq tal-progress, bdiet il-mixja tagħha lejn futur aħjar u tqawwiet bl-ingredjenti u bil-vitamini kollha meħtieġ biex tmantni lill-membri tagħha bi Kristu Ġesù. Inħossuna fid-dmir li minn qalbna ngħidu "Grazzi" lil Alla talli għogbu 25 sena ilu jgħin lil niesna biex jagħrfu s-sinjali taż-żminijiet ħalli fuq il-parroċċa tal-Katidral setgħet tfeġġ rebbiegħa ġdida ta' prosperità evanġelika.

Francis Caruana

(TAL-BILLI)

TRIQ IR-REPUBLIKA, VITTORJA

fejn issibu kull kwalita' ta' Sanitary Fittings u Żebgħa

www.gozocathedral.org.mt

Tkompli **L-KRONAKA TAL-PARROĊĊA.**

Dawk li s-sena daħlu jissaffew fil-Purgatorju:

Awissu: Ġużeppa Tabone.
Ottubru: Joe Calleja.
Novembru: Manwel Theuma, Teddy Xerri.
Diċembru: Margerita Gauci, Maria Farrugia, Mons. Arċid. Pawlu Cauchi.
Jannar: Maria Grech, Filippu Fenech, Maria Cremona, M'Antonia Portelli, Manwel Spiteri, M'Anna Vella, Joseph Mercieca, Joseph Cauchi u Lily Fenech.
Frar: Manwel Camilleri.
April: Bernarda Vella, Dolora Dimech.
Mejju: Maria Fenech, Joseph Zammit, Mons. Giov. Frendo, Pawla Buttigieg u Vincenza Tabone.
Lulju: Ġorġa Vella.

Dawk li daħlu għall-Prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied bis-Sagrament taż-Żwieġ

Awissu: Maurice Hili u M'Assunta Tabone; Jack Bugeja u Therese Vella; Charles Bugeja u Josephine Gatt; Nutar Michael Refalo u Nadette Grech.
Settembru: Carmelo Sultana u Ġuża Farrugia.
Novembru: Charles Mintoff u Mary Anne Tabone.
Diċembru: Peter Curmi u Maria Apap; Loretu Vella u Rita Mizzi; Joseph Azzopardi u Anna Tabone; Joe Xerri u Maria Tabone.
Jannar: Joe Grech u Angele Magro; Mario Tabone u Vitorja Farrugia.

TOBACCONIST
J.C. Mejlack Zammit
WINES & SPIRITS
MERCHANT

Statistika tal-Magħmudijiet, Griżma tal-Isqof, Żwiġijiet u Mwiet mis-sena 1956 sa Lulju, 1981

Sena	Magħmudija	Griżma ta' l-Isqof	Żwiġijiet	Mwiet
1956	30	44	14	41
1957	41	54	21	42
1958	52	53	10	33
1959	44	53	11	32
1960	44	54	11	35
1961	46	61	14	37
1962	45	49	18	39
1963	37	38	15	43
1964	41	8	14	39
1965	27	7	16	37
1966	24	98	9	29
1967	21	42	18	28
1968	35	1	7	44
1969	20	5	17	25
1970	36	66	13	38
1971	36	37	17	29
1972	31	64	18	37
1973	38	51	14	37
1974	35	7	22	29
1975	33	36	16	33
1976	48	30	16	33
1977	55	19	15	38
1978	42	47	15	48
1979	51	59	14	32
1980	32	48	18	26

www.gozocathedral.org.mt

T O N Y ' S   S T O R E

JEW AĦJAR

IL-MEKKA TA' L-GĦAWDXIN
JOFFRI L-ORĦOS PREZZIJIET FUQ
KULL MA GĦANDEK BŻONN FID-DAR

Tixtrix qabel tara l -assortiment tagħna ta'

FRIDGES — COOKERS
WASHINNG MACHINES — LINEF
U MITT ELF ĦAĠA OĦRO TA'
ĦTIEĠA JEW LUSSU GĦAD-DAR
ISSIBNA MALAJR GĦAX FIS-SAQAJN

25, IT-TOKK, RABAT — GĦAWDEX.

Ċempel: 556629.

ID-DITTA

A.F. ELLIS LTD.

B'40 SENA ESPERJENZA
FIL-MANIFATTURA TA' KULL
XORTA TA' MADUM
TA' PRIMA KWALITA'
TĦABBAR LI SER TESPANDI
L-IMPJANT TAGĦHA
B'MAKKINARJU ĠDID
LI JOĦROĠ IL-MADUM ILLUSTRAT

MADUM DEJJEM AĦJAR U ISBAĦ
BLA DEWMIEN
PREZZIJIET MODERATI

HEAD OFFICE:

4, GĦAJN QATET STREET, VICTORIA.

Tel. 556021.

www.gozocathedral.org.mt

GRAJJIET IMPORTANTI MATUL IS-SENA

25- 7-80: Inżamm Festival Marjan li fih ħadu sehem it-tfal u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa. Id-direzzjoni kienet ta' M. Zammit.

26- 7-80: Għoti ta' hampers lill-familji numerużi tal-Parroċċa.

3- 8-80: Infetħet Wirja ta' tpinġija magħmula mit-tfal tal-Parroċċa.

4- 8-80: Sar Party lit-tfal ta' "Lourdes Home". Il-ħelu tal-party sar mill-Parruċċani.

5- 8-80: Sar party lit-tfal tal-Konservatorju tal-isqof. Il-ħelu għal dan il-party sar mill-parruċċani.

6- 8-80: Ġie mtellgħa mit-tfal u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa d-Djalogu Poetiku ta' Anton Buttigieg.Direzzjoni u Produzzjoni ta' A. Scicluna.

Sar Party lix-xjuħ rikoverati fil-Klinika tas-Sorijiet tal-Karmnu.

9- 8-80: Dun G. Tabone u s-Seminaristi tal-parroċċa organizzaw Quiz Marjan fuq is-Santwarji Marjani f'Għawdex.

10- 8-80: Il-pubblikazzjoni ta' "L-GĦID TA' L-ASSUNTA" għall-15-il darba.

Xi familji żammew xi tfal ta' l-istituti d-dar għal ġurnata.

13- 8-80: It-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u t-tfal li rċivew il-Griżma ta' l-Isqof fis-sena 1980 offrew xi flus lit-tfal tal-istituti. Dawn il-flus inġabru minn dawn it-tfal stess.

15- 8-80: Kant ta' "Te Deum", egħluq il-5 sena mill-Inkoronazzjoni tax-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-Katidral t'Għawdex.

25- 8-80: Żjara tal-Kardinal Mario Luigi Ciappi lill-Katidral.

26- 8-80: Pellegrinaġġ Djoċesan għas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa li fih ħadu sehem ħafna Parruċċani.

15- 9-80: Żar il-Katidral Mons. Pasquale Macchi li kien segretarju privat tal-Papa Pawlu VI.

22- 9-80: Ħabat il-116 anniversarju minn meta l-Papa Piju IX għażel lill-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' l-Assunta bħala l-Knisja Katidrali tad-Djoċesi Għawdxija.

www.gozocathedral.org.mt

FOR TRAVEL AND INSURANCE

CALL AT

JOHN PORTELLI ENTERPRISES

TRAVEL AGENTS – TOUR PLANNERS

Head Office: 7, IT-TOKK, VICTORIA. Tel. 556236/035.
Branch 108, ST. JOHN STREET, VALLETTA. Tel. 627016

★ AIR — RAIL — SEA TICKETS
★ TRAVELLERS' CHEQUES — TRAVEL INSURANCE
★ HOTEL ACCOMMODATION — SEA CRUISES
★ INCLUSIVE TOURS TO U.K., FRANCE, ITALY, etc.

Ask for programmes and information:
WINDSOR TOURS
CANA TOURS
CIRCULAR TOURS
VIAGGI PAOLINI

CHEAP RAIL TICKETS IN ITALY

HEMPEL'S MARINE PAINTS (MALTA) LTD.

MANUFACTURERS OF

HIGH QUALITY

HOUSEHOLD, INDUSTRIAL AND

MARINE PAINTS

SUPPLIERS TO THE MALTA GOVERNMENT, LEADING
INDUSTRIAL FIRMS & THE BUILDING INDUSTRY

28B, SOUTH STREET, VALLETTA.

Tel. Cen. 625911, 22215.

www.gozocathedral.org.mt

27- 9-80: Inżamm Jum id-Duttrina. L-Arċipriet Mons. C. Scicluna ta l-mandat lill-Katekisti biex jgħallmu lit-tfal id-duttrina ta' Kristu.

5-10-80: Saret il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju li fiha ħadu sehem ħafna nies bir-reċita tar-Rużarju.

11-10-80: Ħabat egħluq il-264 Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Katidral. Mons. Isqof, fil-għaxija, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali.

12-10-80: Inżamm Jum il-Papa fid-Djoċesi. Fil-Katidral saret Funzjoni Speċjali.

19-10-80: Inżamm Jum il-Missjoni fil-Knisja Universali. Fil-Katidral ı-ġbir kollu sar għal dan l-iskop.

23-10-80: Dr. Eddie Rapa kellem liż-żgħażagħ tal-Parroċċa fil-Ball Room tat-Teatru 'Aurora'.

1-11-80: Mons. Isqof N. Cauchi fis-5.45 p.m. mexxa Konċelebrazzjoni fl-okkażjoni tas-Solennità Liturġika tal-Qaddisin Kollha.

2-11-80: Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni tal-Għid tal-Imwiet.

8-11-80: Fis-5.45 p.m. Mons. Isqof N. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni li biha fetaħ il-Mini Missjoni fil-Katidral t'Għawdex.

10/14-11-80: Saru priedki għat-tfal, għaż-żgħażagħ, għall-koppji miżżewġa, għall-irġiel u għan-nisa.

16-11-80: F'Jum il-Karità fil-Katidral inġabret somma sabiħa għal dan l-iskop.

23-11-80: Il-Parruċċani ħadu sehem fil-korteo ta' Kristu Re.

30-11-80: Dun Tarċis Camilleri għamel f'quddiesa l-omelija tal-bidu tal-Avvent.

8-12-80: Fis-5.45 p.m. Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni tas-Solennità Liturġika tal-Kunċizzjoni.

11-12-80: Dun Anton Borg mexxa "Film Forum" għaż-żgħażagħ fit-Teatru "Aurora". Il-film kien dwar il-ħajja ta' Mother Teresa.

16-12-80: Fetħet in-Novena Bibblika b'ħafna attivitajiet speċjali.

22-12-80: Sar il-Pageant tal-Milied taħt id-Direzzjoni ta' Rita Sultana.

24-12-80: Tlesta x-xogħol ta' l-induratura ta' l-istatwa ta' Santa Marija minn H. Farrugia. Ġiet ukoll restawrata mill-aħwa Camilleri.

24-12-80: Sar għana tal-Milied mill-Kor tal-Katidral.

25-12-80: L-Isqof Djoċesan N. Cauchi mexxa l-funzjonijiet kollha tal-Milied.

29-12-80: Sar Party għall-anzjani ta' l-Isptar Craig. Il-ħelu tal-party sar kollu mill-Parruċċani.

31-12-80: Saret l-Espożizzjoni Solenni f'egħluq is-Sena 1980. Mons. Isqof intona t-"Te Deum" b'radd ta' ħajr 'l Alla.

4- 1-80: Mons. Isqof mexxa l-Funzjoni kollha tas-Solennità Liturġika tal-Epifanija.

25- 1-81: Fit-8.00 a.m. L-Isqof Djoċesan N. Cauchi fetaħ il-Vista Pastorali fid-Djoċesi ta' Għawdex b'Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Katidral.

2- 2-81: Fis-6.15 p.m. Mons. Isqof mexxa l-funzjoni tat-Tberik tax-Xema' fl-okkażjoni tal-Preżentazzjoni tal-Mulej.

8- 2-81: Fetħet il-Ġimgħa tal-Parroċċa. F'dan il-Jum Mons. Isqof għammed 4 trabi, għamel l-Ewwel Tqarbina lil tifel u amministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil tifel ieħor li t-tnejn kellhom jemigraw mal-ġenituri tagħhom.

9- 2-81: Sar pellegrinaġġ għaċ-Ċimiterju fejn Mons. G. Gauci qaddes għall-erwieħ tal-parruċċani kollha.

10- 2-81: L-Isqof qaddes għall-ħaddiema fil-fabbrika ta' Magro Brothers.

11- 2-81: Mons. Arċipriet C. Scicluna qaddes u qarben lill-morda kollha fl-isptar Craig.

12- 2-81: Mons. Penit. Girgor Vella mexxa pellegrinaġġ għas-Santwarji Marjani organizzat għall-anzjani kollha tal-Parroċċa.

13- 2-81: Sar film show b'xejn għat-tfal kollha tal-Parroċċa fit-Teatru "Aurora".

14- 2-81: Saret Adorazzjoni Ewkaristika għaż-żgħażagħ kollha tal-Parroċċa.

15- 2-81: Mons. Arċipriet flimkien mas-Saċerdoti tal-Presbiterju Parrokkjali rċivew bukkett spiritwali mill-għaqdiet tal-Parroċċa.

15- 2-81: L-Arċipriet, f'isem il-Kommunità Parrokkjali, offra cheque ta' £M100 lil Dun Manwel Curmi, l-inkarigat Ekkleżjastiku mis-Servizzi Soċjali tal-Kurja. Dawn il-£M100 ġew miġbura mill-parruċċani tal-Katidral biex jingħataw lill-Inkapaċitati billi din is-sena hija ddedikata lilhom.

4- 3-81: Mons. Isqof mexxa ~~l-Fun~~zjoni tat-Tberik tal-Irmied f'Ras ir-Randan.

15- 3-81: Ħafna parruċċani ħadu sehem fil-"Via Crucis" fuq l-għolja ta' Għammar li saret fuq bażi Djoċesana.

19- 3-81: L-Isqof N. Cauchi mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' San Ġużepp.

22- 3-81: Patri Manwel Barbara beda l-Eżerċizzi Spiritwali fil-Katidral.

5- 4-81: Sar nofs ta' nhar irtir għall-ġenituri tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina fi "Stella Maris House", iż-Żebbuġ.

www.gozocathedral.org.mt

GĦALL-AĦJAR XORB U LIKURI

irrikorru għand:

TERRY SHOP

TA' PJAZZA SAN ĠORĠ,
VICTORIA, GĦAWDEX.

GĦALL-AQWA FLIELES, BROILERS JEW GĦAWWIETAQ TAD-DITTA

S H A V E R

PJANTI TA' ĠEWWA, SIĠAR, MEDIĊINI, TJUR U ANNIMALI ŻGĦAR,

Irrikorru għand:

ALMAR PET SHOP

NINU CREMONA STREET, VICTORIA, GOZO.
(Ħdejn Villa Rundle)

www.gozocathedral.org.mt

6- 4-81: Saret l-Ewwel Qrara lit-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

7/9- 4-81: Saru l-Eżerċizzi għall-istudenti tal-Iskejjel Sekondarji.

8- 4-81: Saret il-Via Crucis fit-triqat taċ-Ċittadella bl-istatwa devota tar-Redentur.

9- 4-81: Sar pellegrinaġġ penitenzjali għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu.

10- 4-81: Il-Parruċċani ħadu sehem f'pellegrinaġġ penitenzjali bl-istatwa tad-Duluri.

11- 4-81: Saret il-Via Matris mat-Telgħa tal-Katidral.

12/19- 4-81: Mons. Isqof mexxa l-funzjonijiet kollha tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Katidral.

14- 4-81: Sar Pageant Reliġjuż mibni fuq versi Salmodiċi. Kitba ta' John Cremona u produzzjoni ta' Rita Sultana.

17- 4-81: Ħarġet il-Purċissjoni tal-Gimgħa l-Kbira bis-sehem tal-Banda Ċittadina "Leone".

19- 4-81: Beda t-Tberik tal-Familji mill-Arċipriet u s-Saċerdoti tal-Presbiterju Parrokkjali.

29- 4-81: **Mons. M'Anġlu Apap fakkar f'quddiesa egħluq il-25 sena minn meta s-Soċjetà Filarmonika "Leone" irregalat l-istatwa artistika ta' Santa Marija lill-Katidral t'Għawdex. Għandhom isiru festi speċjali fil-ġranet ta' Santa Marija biex tfakkar din il-ġrajja qatt minsija.**

2- 5-81: Kunċert ta' l-Orgni mill-organista Tedesk Walter Marcuse.

3- 5-81: Il-Parruċċani ħadu sehem fil-Kungress tal-Isem Imqaddes t'Alla li nżamm f'Sannat.

6- 5-81: Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni fl-okkażjoni ta' l-ewwel Erbgħa qabel il-15 l-Erbgħa li jiġu qabel il-15 t'Awissu.

18- 5-81: Matul il-ġurnata kollha nżamm ir-Rużarju kontinwat għall-fejqan tal-Qdusija Tiegħu l-Papa. Ħafna kienu dawk li ħadu sehem f'dan ir-Rużarju.

22- 5-81: Kunċert Bandistiku fil-Katidral mid-Dorian Quintet tal-U.S.A.

24- 5-81: Infetħet il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika b'Konċelebrazzjoni mill-Arċipriet.

27- 5-81: Saret l-Ewwel Tqarbina lit-tfal tal-Parroċċa mill-Isqof N. Cauchi.

31- 5-81: Għalqet il-Ġimgħa Ewkaristika b'Purċissjoni Pontifikali mat-toroq prinċipali tar-Rabat.

7- 6-81: Mons. Isqof għalaq il-Vista Pastorali fid-Djoċesi t'Għawdex b'Konċelebrazzjoni Solenni fil-Katidral

19- 6-81: It-tfal tal-Parroċċa ħadu sehem f'Jum it-Tfal li ġie organizzat mid-Direzzjoni tal-Oratorju Don Bosco.

23- 6-81: Waslu t-travi tal-"pre-pressed concrete" għas-saqaf tal-koppla finta tal-Katidral.

27- 6-81: Mons. Isqof f'Konċelebrazzjoni Solenni ordna 2 Saċerdoti u 3 Djakni fil-Katidral.

www.gozocathedral.org.mt

A Sua Eccellenza Reverendissima
Monsignor Giuseppe Pace, D.D., J.C.D., Ph.D.,
Vescovo di Gozo.

Umile Ricorso di Joseph Tabone nella sua qualità di presidente della Società Filarmonica "Leone" di questa Città di Vittoria.

Espone col dovuto ossequio,

Che giusta i provvedimenti presi col Comitato della società Filarmonica sudetta si propone il 29 del corrente mese di aprile tenere la solenne cerimonia della benedizione della statua di Maria Assunta in Cielo, oggi proprietà della stessa Società Filarmonica "Leone", ed indi trasportarla in solenne processione, coll'intervento del Capitolo, Clero e popolo, dal luogo della benedizione alla Chiesa Cattedrale di questa Città Vittoria, dove verrà conservata e venerata perchè nel pomeriggio del 15 agosto di ogni anno, nel giorno festivo, la stessa statua venga portata in solenne processione per le vie dil Città Vittoria coll'accompagnamento musicale della stessa Filarmonica "Leone".

Che il Comitato rappresentato dall'esponente intende effettuare il trasferimento della statua suaccennata alla Chiesa Cattedrale di Gozo, a condizione anche: 1) che l'accompagnamento alla processione con detta statua sia esclusivamente riservato alla Filarmonica anzidetta "Leone", che la offre irrevocabilmente per dette scopo; 2) che venga nominato, in tempo opportuno, dall'E.V. Reverendissima un procuratore coll'incarico di provvedere, sempre sotto il controllo diretto dall'E. V. Reverendissima, alle spese occorrenti addizionali ed alle nuove aggiunte della festività interna dell'Assunta, onde si celebri sempre con maggior lustro detta solennità allo scopo di incrementare la devozione verso la Vergine Santissima Maria Assunta, titolare della Chiesa Cattedrale e Patrona della Diocesi di Gozo.

Pertanto, l'oratore domanda col dovuto ossequio che l'E.V. Reverendissima si degni autorizzare ed accettare il trasferimento della statua suaccennata di Maria Santissima Assunta in Cielo che l'esponente nomine intende effettuare a favore della Chiesa Cattedrale di Gozo per gli scopi ed alle condizioni anzidetti.

Città Vittoria, Gozo, oggi 20 aprile, 1956.

Avv. Fco. Masini

B. M. Virginis Mariae in Coelum Assumptae simulacrum ad effectum de quo in precibus et sub condicionibus ibi expressis acceptamus.
Gaudisii, die 27a Aprilis 1956.

+ Joseph Epus Gaudisien.

www.gozocathedral.org.mt

Rikors ippreżentat bl-umiltà kollha minn Joseph Tabone fil-kwalità tiegħu ta' President tas-Soċjetà Filarmonika "Leone" ta' din il-Belt Victoria

Jesponi bil-qima kollha;

Wara l-providimenti xierqa li ttieħdu mill-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika msemmija, ġie propost il-jum tad-29 tax-xahar korrenti t'April biex fin-nhar il-ċerimonja liturġika tat-tberik ta' l-istatwa ta' Marija Mtellgħa s-Sema li sal-lum hija proprjetà ta' l-istess Soċjetà Filarmonika "Leone". Wara mbagħad din l-istatwa tiġi trasportata solennement bi proċessjoni li fiha jieħu sehem il-Kapitlu, il-kleru u l-poplu mill-post fejn titbierek sal-Katidral fejn tiġi kkonservata u meqjuma biex fil-15 ta' Awissu filgħaxija, ta' kull sena, l-istess statwa tiġi mdawra fi proċessjoni mat-triqat prinċipali tal-Belt Victoria bis-sehem mużikali ta' l-imsemmija Banda "Leone".

Il-Kumitat rappreżentat mill-esponent (ta' dan ir-rikors) jaċċetta dan it-trasferiment ta' l-imsemmija statwa lill-Knisja Katidrali taħt dawn il-kundizzjonijiet:

(1) Jiġi nominat fi żmien opportun, mill-Eċċ.za Tiegħek Rev.ma, prokuratur bl-inkarigu li jipprovdi, dejjem taħt il-kontroll dirett ta' l-Eċċ.za Tiegħek Rev.ma, il-flus għall-ispejjeż addizzjonali li jistgħu jinqalgħu minħabba ż-żieda fil-festa nterna ta' l-Assunta ħalli b'hekk tikber id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija Assunta, li hija t-Titular ta' din il-Knisja Katidrali u Patruna tad-Djoċesi t'Għawdex.

(2) L-akkumpanjament tal-banda f'din il-purċissjoni mal-istatwa ta' l-Assunta għandu jkun dritt riservat esklużivament lill-Filarmonika hekk imsejħa "Leone" li qed toffri (lill-Katidral) irrevokabilment għal dan l-iskop.

Għaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett kollu lill-Eċċ.za Tiegħek Rev.ma tawtorizza u taċċetta t-trasferiment ta' l-istatwa msemmija ta' Santa Marija Assunta fis-Sema bil-ħsieb li l-esponent fil-kwalità tiegħu msemmija jixtieq iwettaq għall-iskopijiet u taħt il-kundizzjonijiet imsemmija.

Belt Victoria, Għawdex,
illum, 20 t'April, 1956.
Av. Fro Masini.

[illegible] tal-Verġni Marija Mtellgħa fis-Sema naċċettawha għall-effetti kif imfissra f'dan ir-rikors u taħt il-kundizzjonijiet imsemmija.

Għawdex, illum 27 t'April, 1956.
Ġużeppi, Isqof t'Għawdex.

L-Għanja tal-Ħamsa u Għoxrin

Min qatt jista' jinsa,
għalkemm tgerrbu s-snin,
Il-ġrajja li għalqet
Il-ħamsa u għoxrin?

Min qatt jista' jinsa
Dik l-għodwa ta' dija
Fix-xahar tal-kuluri,
T'April tar-rebbiegħa,

Ta' meta fit-tempju
Ewlieni tal-gżira,
Inkitbet paġna oħra
Sabiħa u kbira,

Fil-ktieb l-iktar għani
Ta' bosta ġrajjiet,
Li nisġu l-istorja
Ta' snin bil-mijiet?

Min qatt jista' jinsa
In-noti ferħana
Li nisġu l-kampnari
Tal-maqdes kbir tagħna,

Imżejjen għall-festa
Bl-ilbies tal-kuluri,
Bid-deheb u bil-fidda,
Bil-fwieħa tal-fjuri?

X'kien ġej f'dik il-għodwa
Fil-Belt ta' l-iswar,
Qawwija u qadima
Li rat ġrajjiet kbar,

Li qatt il-ġnub tagħha
Ma mielu mas-snin
Fil-qilla tal-ġlieda
M'egħdewwa kefrin?

X'kien ġara mela issa
Fl-imrammi qawwija?
Għaliex ċedew l-armi
Biex jiftħu mogħdija,

Quddiem sewwa sewwa
Il-Knisja ewlenija,
L-għamara u s-saltna
Ta' Santa Marija?

Tiftaħar l-istorja
Tal-gżira għawdxija
Bl-imħabba li għandhom
L-Għawdxin lejn Marija.

Imħabba li wrewha
Mal-medda tas-snin,
Fit-tama qawwija
Lejn din l-omm l-Għawdxin,

Għax kienet l-imħabba
Qawwija u ġenwina,
Li kitbet dil-ġrajja
Għażiża għalina,

Ta' meta l-istatwa
Ta' Santa Marija
B'rigal ġiet mogħtija
Lill-Knisja ewlenija,

Mill-Għaqda "Leone",
Il-Banda Beltija,
Ta' l-ewwel li twieldet
Fil-gżira Għawdxija.

Min qatt jista' jinsa
Il-ferħ dak inhar?
Il-belt saret ġenna
Imdawra bis-swar,

Għax kien jum ta' festa
Li qatt ma jixjieħ,
Rebbiegħa fit-tempju
Ewlieni u sabiħ.

U kif lill-Madonna,
Fil-belt tas-smewwiet,
Il-qtajja ta' l-anġli
Stennew bil-mijiet,

Hekk jiena nistħajjel
Stennewha l-Għawdxin,
Miġbura bi ħġarhom
Fil-belt ferħanin,

U kif ix-xemx tbiddel
Id-dlam, tagħmlu dija,
Hekk tbiddel it-tempju
Ta' Santa Marija,

Għax kibret l-imħabba
Lejn din l-omm ħanina,
U kibru l-festi
Għeżiez wisq għalina,

U lilha libbisna,
Bil-ħaġar prezzjuż,
Bid-deheb u bil-fidda
U tajna tant flus,

Biex darha nżejnuha,
Sabiħa nagħmluha,
Għax hekk jixirqilha,
Minn qalbna nagħtuha.

Kull sena f'Awissu,
Fil-jum ta' Marija,
Il-festa ewlenija
Tal-gżira Għawdxija,

Lil din l-omm sabiħa
Noħorġu minn darha,
Fit-toroq ta' beltna
Biex tagħmel iż-żjara

Lil dawk l-ulied tagħha,
Fi djarhom hemm ġewwa
Għax morda jew xjuħa,
Li tant jistennewha

Għaddejja sabiħa
Bħal dehra tal-ġenna,
Li timla lil qalbhom
Bis-sliem u bil-benna.

Madonna sabiħa,
F'dal-jum ta' tifkira,
Il-kewkba li ddawwal
L-għoljiet ta' dil-gżira,

Tgħib qatt minn quddiemna
Fis-sħab tat-tempesta,
Biex tidħol għalina
Kun dejjem int lesta.

Mit-tempju ewlieni
Tal-gżira Għawdxija,
Ilqagħha din l-għanja,
Santa Marija.

Sabiex l-għanja tiegħi
Tal-ħamsa u għoxrin,
Jien nibqa' ngħanniha
Fis-snin li ġejjin.

12/7/1981

JOHN CREMONA.

www.gozocathedral.org.mt

3-door

DEBONO AUTO CENTRE

NOTABILE RD., ŻEBBUĠ, MALTA.

Standard 1000/1200



AGENT FOR GOZO VIGO AZZOPARDI
REPUBLIC STR. VICTORIA.

---

fino

FINO GOZO LTD.

Republic Street, Victoria, Gozo
Telephones: Gozo – 551500; Malta – 40735/48469

Head Office + Production Centre: C. Fino + Sons Ltd., Industrial Estate, Mriehel, Malta
Telegrams: FINMOB
Telex: 637 FINMOB MW

Agents for:-

- Chipboard: Bare and Veneered
- Plywood and other timber products
- Laminated Plastic
- Furniture handles anf fittings
- Ronseal Varnishes: hand and spray
- Aluminium Profiles and fittings
- Glues
- I.C.I. Emulsion paints
- Automobile spray paints — Berger
- Trimite spray lacquer
- Duruflex spray lacquers
- Mahogony skirtings
- Electrical Wires and Fittings.

CALL AT:-

FINO STORES
Mgr. Pietro Pace Street,
Victoria, Gozo.
Tel. 551500.

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

Il-Messaġġ ta' l-Arċipriet	3
Santa Marija — 1897 - 1981	4
Mill-Album tal-Ħidma Pastorali fil-Katidral	14
Mill-Album tal-Ħidma Promozzjoni Umana tal-Katidral	15
Kronaka tal-Parroċċa	16
Evalwazzjoni tal-Ħajja Pastorali fil-Katidral bis-Saħħa ta' l-Istatwa ta' Santa Marija	18
Ġrajjiet Importanti matul is-Sena	26
Rikors	32
L-Għanja tal-Ħamsa u Għoxrin	34

"L-ewwel ħjiel ta' siwi li għandna ta' din il-knisja imur lura sas-sena 1435 meta, eżatt fit-12 t'Ottubru, insibu lil Nucio de Episcopo, Għawdxi, iħalli xi ħaġa żgħira lill-kappillan tal-Knisja Matriċi ta' Santa Marija u . . . l-ebda knisja oħra f'Malta jew Għawdex ma kienet tissejjaħ matriċi f'dawk iż-żminijiet bikrija".

Stampat bl-Offset fil-"Gozo Press", Għawdex.

www.gozocathedral.org.mt